MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2014

Appell Civili Numru. 512/1989/2

**Joseph Borg f'ismu proprio u fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Marks and Charles Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess**

**v.**

**Joseph Pace fil-kwalita` tieghu ta' direttur tas-socjeta` Terry Limited ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess; u Norman Buckle u Victor Balzan fil-kwalita` taghhom ta' diretturi tas-socjeta` Paola Development Co. Ltd. ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess ghal kwalunkwe interess li jista' jkollhom, u b'digriet tal-11 ta' Gunju 2008 il-Qorti ordnat li HSBC Bank Malta p.l.c jigi mdahhal fil-kawza *in statu et terminis*; u b'digriet**

**tal-24 ta’ Marzu 2009 il-Qorti awtorizzat li s-socjeta` VICA Limited tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis*; u b’digriet iehor datat 26 ta’ Marzu 2009 awtorizzat lis-socjeta` Paola Developments Company Ltd tintervjeni fil-kawza *in statu et terminis***

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-Avukat Dr. Edward Debono pprezentat fl-10 ta’ Dicembru 2013 li bih talab li din il-Qorti sabiex:

“… … jidderigi lir-Registratur jikkoregi it-tassazzjoni ta’ dina l-kawza b’dan illi d-drittijiet koncernati jigu ikkalkolati fuq il-minimu, kif ukoll jnehhi l-kolonni zejda li gew indikati bhala konvenuti izda fil-verita`, ma kienux parti fil-kawza in Prim’Istanza, kif ukoll sussegwentement tordna lir-Registratur sabiex abbazi tat-tassazzjoni hekk kif emendata jikkalkula l-garanzija illi ghandu jhallas l-appellant tenut kont tal-fatt illi dan m’ghandux ukoll jinkludi garanzija ghall-ispejjez tal-intervenuti fil-kawza u dan dejjem taht dawk il-provvedimenti kollha illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi.”

Rat ir-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tat-12 ta’ Dicembru 2013 li biha jghid:

“1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti jirrileva illi huwa gie notifikat biss b’dawn il-proceduri proprju il-bierah.

“2. Illi fit-tieni lok ir-rikorrent Dr. Edward Debono ghandu jipprova l-locus standi tieghu fir-rikors odjern.

“3. Illi l-esponenti jirrileva illi t-taxxa in kwistjoni hija gusta u mahduma skont il-Ligi u m’hemmx lok li tigi disturbata. Infatti bil-qima jinghad illi l-**kawtela** mahduma fit-13 Settembru 2013 fil-kawza sudetta giet hekk mahduma abbazi tas-segwenti kalkoli:

“a. Il-valur tal-kawza ghar-rigward ir-raba talba hu fl-ammont ta’ **Lm977,500** liema valur johrog mir-

risposta tal-attur Joseph Borg li tinsab a fol. 467 tal-process tal-Prim'Awla.

"b. Barra mit-talba ghad-danni hemm ukoll talbiet ohra li gew intaxxati punt ta' dritt.

"c. Id-dritt tar-registru fl-ammont ta' **€24,685.92** hareg mid-dritt tar-registru fil-Prim'Awla mizjud b'terz.

"d. Id-dritt ta' avukat **wiehed** hareg mid-dritt tal-avukat Prim'Awla mizjud b'terz u cioe` fl-ammont ta' **€42,110.28** u peress illi ghall-appell gew prezentati **tliet** risposti separati ghal kull intervenut fil-kawza, l-ammont ta' €42,110.28 gie multiplikat ghal **tliet** darbiet ghal total ta' **€126,330.84**.

"4. Illi fi kwalunkwe kaz *dato ma non concesso* li hemm lok ghal xi forma ta' korrezzjoni jew emenda fit-taxxa jew il-kawtela l-esponenti m'ghandux jigi kkundannat ebda spejjez.

"5. Illi kwantu ghall-allegazzjoni illi l-appellant ma giex notifikat bl-avviz tas-smiegh u bil-hlas tal-kawtela u lanqas bit-taxxa tal-Prim'Istanza jigi rilevat illi kwantu ghall-avviz tas-smiegh u hlas tal-kawtela kien jinkombi fuq l-appellant li jsegwi l-appell intavolat minnu stess. Kwantu ghat-taxxa, huwa pacifiku li xoghol ir-Registratur huwa li jahdem u johrog it-taxxa u mhux il-kompitu tieghu li jinnotifika lill-istess. Dik semmai hija responsabbilta` ta' min hu interessat."

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Dicembru 2013 li minnu jirrizulta:

"Meta ssejjah l-appell deher Dr. Edward Debono ghall-appellant.

"Dehru l-appellati kollha assistiti minn Dr. Aldo Vella, Dr. Richard Galea Debono, Profs. Ian Refalo u Dr. Sarah Grech u Dr. Kris Borg.

“Deher ukoll Frank Mercieca, Direttur Qrati Civili u Tribunali assistit minn Dr. Noel Bartolo.

“Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-partijiet illi hemm rikors urgenti tal-Av. Dr. Edward Debono sabiex jigi emendat l-ammont tal-kawtela li ma jirrizultax li gie notifikat lil Dr. Kris Borg li izda huwa prezenti fl-Awla u qieghed jaghti ruhu b’notifikat bl-istess rikors.

“Ghal kull buon fini l-appellati kollha kif rapprezentati jaghtu ruhhom b’notifikati bir-rikors imsemmi.

“Dr. Kris Borg talab li jigi skuzat peress illi ghandu impenn iehor l-Universita`.

“Il-Qorti peress illi l-konsiderazzjoni tal-appell ha zmien aktar milli kien anticipat, tawtorizzah illi jassenti ruhu mill-Awla llum.

“Il-Qorti gibdet l-attenzjoni tal-Avukati tal-partijiet prezenti ghar-risposta tad-Direttur Qrati Civili u Tribunali tallum stess u hadu konjizzjoni taghha.

“Xehed: Il-Marixxal Johnny Francica (on tape).

“Il-partijiet kif rapprezentati f’dan il-mument minn Dr. Aldo Vella, Dr. Richard Galea u Dr. Sarah Grech jiddikjaraw ghan-nom tal-patrocinati taghhom illi huma qeghdin jikkoncedu li l-appellanti ma gewx notifikati bl-avviz ghall-hlas tal-kawtela.

“Dr. Aldo Vella li mieghu jassocjaw ruhhom l-Avukati l-ohrajn jitlob li r-rikors prezentat mill-Av. Dr. Edward Debono f’ismu personali prezentat fl-10 ta’ Dicembru 2013 jigi sfilzat stante li hu fil-kapacita` personali tieghu ma ghandux locus standi f’dawn il-proceduri.

“Dr. Edward Debono jirrileva illi Joseph Borg fid-19 ta’ Novembru 2013 ircieva biss mill-Marixxal Johnny Francica xi dokument rigwardanti risposta ta’ Vica Ltd u l-ebda dokument iehor u ghalhekk skont Joseph Borg huwa ma

huwiex notifikat bl-appell la personalment u anqas nomine.

“Illi a rigward it-talba ta’ Dr. Aldo Vella et jirrileva li huwa bhala l-Avukat ta’ Joseph Borg pro et noe mill-bidu tal-kawza sallum kien l-Avukat tal-patrocinati tieghu u ghalhekk huwa fid-dover li jekk jirrealizza illi t-talba ghall-hlas tal-kawtela qabel ma l-klienti tieghu jigu notifikati ma hijiex korretta skont il-ligi jrid jinforma lill-Qorti dwar dan ghax tista’ tkun pregudizzjevoli ghall-patrocinati tieghu. Illi ghalhekk huwa bir-rikors odjern talab direzzjoni mill-Qorti rigwardanti t-talbiet inkluzi fir-rikors tieghu u cioe` illi l-kawtela kellha tithallas mhux in konfront tal-intimati kollha imma biss tal-intimati u cioe` Terry Limited u mhux in konfront tal-intervenuti in kawza, stante li l-intervenuti ma humiex “parti” u l-kawtela trid tithallas ghall-intimati li huma parti mill-kawza.

“L-appell qed jigi differit ghall-21 ta’ Jannar 2014 fin-12.30 p.m ghall-provvediment fuq ir-rikors ta’ Dr. Edward Debono tal-10 ta’ Dicembru 2013.”

Illi allura l-Qorti permezz ta’ dan id-digiret hija msejjha tiddeciedi jekk:

(a) Ir-rikors inkwistjoni ghandux jigi sfilzat ghar-ragunijiet indikati mid-difensuri tal-intimati;

(b) U, darba sorvolata l-ewwel kwistjoni, jekk l-appellant huwiex korrett li jitlob li l-ammont indikat mir-Registratur ghall-kawtela jigi ritenut mhuwiex komputat skont il-ligi; huwa qed jghid li l-ammont indikat biex jikkawtela d-drittijiet tad-difensuri tal-intervenuti fil-kawza m’ghandux ikun inkluz mal-ammont komplessiv biex jigi kawtelat ghaliex l-intervenuti mhumiex parti fil-kawza u bl-ebda mod huwa ma jista jkun ikkundannat ihallas l-ispejjes taghhom. Ghall-kompletezza ghandu jinghad ukoll li huwa qed jallega li gew intaxxati drittijiet ghal Joseph Pace u Norman Buckle **personalment** ukoll meta huma gew citati biss ghan-nom tas-socjetajiet imsemmija

fir-rikors – izda jirrizulta li ghalkemm dan huwa minnu f'dik li hija tassazzjoni ghad-drittijiet u spejjez tal-Prim Istanza, dan ma japplikax assolutament ghall-komputazzjoni tal-kawtela ghaliex **huwa car** li ma gewx inkluzi drittijiet ghal Joseph Pace u Norman Buckle **personalment** biex inhadmet il-kawtela.

Matul it-trattazzjoni tar-rikors issemma wkoll jekk ir-rikorrenti ikunx ezenti li jippresenta l-garanzija ghall-ispejjes tal-appell sakemm effettivament jigi deciz jekk l-ammont iffissat mir-Registratur ghall-hlas tal-kawtela ghall-ispejjez tal-appell huwiex akbar minn kemm suppost.

L-initmati preliminarjament qed jopponu ghall-fatt li Dr. Debono ghall-appellant ipprezenta r-rikors f'ismu u mhux f'isem l-appellant ghaliex huwa naturalment mhux il-parti fil-kawza izda l-klijent tieghu Joseph Borg proprio et nomine. Dr. Aldo Vella li jidher ghal Paola Developments Limited qed jitlob ghalhekk l-isfilz tal-istess rikors.

*"Ma hemmx dubbju li l-Qrati taghna dejjem zammew illi r-rapport li jghaddi bejn il-klijent u l-Avukat u l-Prokuratur legali li huwa jqabbad ghall affarijiet tieghu gudizzajrji huwa dak tal-mandat"* (**Vol XXIX – pt. 1, pagna 617.)** Huwa wkoll assodat li l-Avukat ma ghandux ghalfejn jipprova li huwa rcieva l-inkarigu ghaliex *"l-asserzjoni tieghu hija bizzejjed bhala prova ta' l-inkarigu*." (**Vol XLI pt 1, pagna 372**). Ghalhekk l-Avukat indubbjament jista jagixxi bhala mandatarju tal-klijent tieghu matul il-kors tal-kawza; **madankollu "***l-mandatarju ma jistax joqghod fil-kawza bhala attur jew konvenut f'isem il-mandanti tieghu meta dan ikun presenti f'Malta*." (**Borg Grech v. Cachia – Qorti tal-Appell – 30 ta' Jannar 1989).** Ma jidhirx li f'dan il-kaz, Joseph Borg huwa assenti minn Malta jew kien assenti meta gie prezentat ir-rikors u allura l-oggezzjoni tal-intimati hija gustifikata.

Tenut kont li, ghalhekk, din il-Qorti ser tordna l-isfilz tar-rikors imsemmi tal-Avukat Dr. Edward Debono prezentat fl-10 ta' Dicembru 2013 minhabba n-nuqqas ta' *locus standi* tar-rikorrent Dr. Edward Debono, ma hemmx lok li din il-Qorti tidhol sabiex tikkunsidra l-mertu tat-talba

dedotta fl-istess rikors u kwistjonijiet ohra accessorji ghaliha.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tordna l-isfilz tar-rikors ta' Dr. Debono prezentat fl-10 ta' Dicembru 2013.

Bl-ispejjez ta' dan il-provvediment ghar-rikorrent Dr. Edward Debono.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------